**20 ta' Ġunju, 1985**

**Imħallef: -**

**L-Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Il-Pulizija
(Spettur Dominic Attard)

*versus*

Victor Galea, Carmelo Borg, Ludgardo Magri u Raymond Magri

**Distinzzjoni Bejn ir-Reat ta' Inġurji jew Theddid Kontra Uffiċjali Pubbliċi jew Offiżi Fuq il-Persuna Tagħhom, u dak ta' Attakk jew Reżistenza.**

*Id-differenza bejn dawn iż-żewġ reati ma tikkonsistix fin-natura ta' l-azzjoni, lanqas fil-gravità tal-konsegwenzi, u wisq inqas fil-kwalitajiet personali tal-parti leża, imma biss fin-natura tad-dmirijiet tal-parti leża u li dana jkun qiegħed jqadi fil-mument tar-reat.*

Il-Qorti: -

Rat l-atti kkumpilati kontra l-imputati, fuq l-imputazzjonijiet talli:

(a) fil-"*Casualty Department*" ta' l-Isptar San Luqa, G'Mangia, fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April, 1983 għall-ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu, ikkaġunaw ferita ta' natura gravi li ġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ ta' Anthony Muscat minn B'Kara skond kif iċċertifika bil-fomm Dr. C. Muscat ta' l-Isptar San Luqa; ferita ta' natura gravi per durata fuq il-persuna ta' Dottor Michael Farrugia M.D. skond kif jgħid bil-fomm Dottor Raska M.D. ta' l-Isptar San Luqa; feriti ta' natura ħafifa salva kumplikazzjoni fuq il-persuna ta' kuntistabbli 768 S Brincat skond kif jgħid bil-fomm l-istess Dr. Raska M.D.; u feriti ta' natura ħafifa u ta' ftit importanza fuq il-persuna ta' Amabile

Vella u Philip Zammit minn Ħaż-Żebbuġ, u Emanuel Micallef, *Security Officer* ta' l-Isptar San Luqa;

(b) attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra Michael Farrugia, tabib tal-għassa fl-Isptar San Luqa, Kuntistabbli 768 S. Brincat u Emanuel Micallef *Security Officer* fl-Isptar San Luqa, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi, jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;

(ċ) volontarjament ikkaġunaw ħsara fl-apparat u għodda tal-*Casualty Department* ta' l-Isptar San Luqa liema ħsara tammonta għal seba' u sebgħin lira erbgħa u erbgħin ċenteżmu (Lm77.44,0) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u ħsara fil-karozza numru S-1489, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħames mitt lira (Lm500) għad-dannu ta' Amabile Vella minn Ħaż-Żebbuġ;

(d) kisru l-mistrieħ tal-pazjenti ta' l-Isptar San Luqa bl-għajat u ġlied;

(e) f'Bell Street, Paceville, għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu tas-26 ta' April, 1983 kisru l-mistrieħ tan-nies bl-għajat u l-ġlied u kkagunaw feriti ta' natura ħafifa salv kumplikazzjoni fuq il-persuna ta' Anthony Muscat minn B'Kara skond kif jgħid bil-fomm Dr. C. Muscat M.D. ta' l-Isptar San Luqa;

Rat in-nota ta' l-Avukat tar-Repubbblika ta' l-4 ta' Mejju, 1984 li biha bagħat lura l-atti kkumpilati fuq indikati lil din il-Qorti sabiex f'nuqqas ta' oġġezzjoni ta' l-imputati tiddeċidi fuq il-ħtija taħt dak li hemm maħsub kontra l-imputati kif ser

jingħad:

Kontra l-imputati Galea u Carmelo Borg:

Fl-artikoli 94(1), 95(b), 228, 229, 230(1)(b)(d), 235(1), 339(b), 352(m)(n)(bb) u 20 tal-Kodiċi Kriminali;

Kontra Ludgardo Magri:

Fl-artikoli 94(1), 95(b), 228, 229, 230(1)(b)(d), 235(1), 339(b), 352(m)(bb), 353(1)(e), 20, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali;

Kontra l-imputat Raymond Magri:

Fl-artikoli 94(1), 95(b), 228, 229, 230(1)(b)(d), 235(1), 339(b), 352(m)(bb), 353(1)(e) u 20 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-24 ta' Mejju, 1984 li permezz tiegħu l-imputati kollha ddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni li din il-kawża tagħhom tiġi ttrattata u deċiża minn din l-Qorti;

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-12 ta' Ottubru, 1984, li biha ddikjarat proċediment eżawrit *stante* rinunzja tal-parti leża kwantu għall akkużi rigwardanti d-danni u l-feriti sofferti minn Amabile Vella;

(2) Sabet lill-imputati Victor Galea u Carmelo Borg ħatjin biss talli fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' April, 1983 fl-Isptar San Luqa, G'Mangia, f'lok pubbliku libsu maskra fi żmien u bil-mod mhux permess mil-liġi; bil-lejl kisru l-mistrieħ tan-nies u tal-pazjenti fl-istess Sptar bil-għlied u għajat; u volontarjament

għamlu ħsara fl-apparat u l-għodda tal-*Casualty Department* ta' l-Isptar San Luqa, liema ħsarat jammontaw għal Lm72.54,0 għad-dannu tal-Gvern ta' Malta;

(3) Sabet lill-imputat Ludgardo Magri ħati talli fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' April, 1983 f'Bell Street, Paceville kiser il-mistrieħ tan-nies bl-għajat u ġlied;

(4) Sabet lill-imputati Ludgardo Magri u Raymond Magri ħatja talli fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' April 1983 fl-Isptar San Luqa G'Mangia huma attakkaw jew għamlu resistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' Emanuel Micallef persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi tat-tali servizz;

(5) Wara li rat l-artikolu 49 tal-Kapitlu 12, iddikjarat lill-imputat Ludgardo Magri bħala reċidiv peress li kien instab ħati ta' reati oħra b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tat-28 ta' Diċembru, 1982.

(6) Sabet lill-imputati kollha mhux ħatja ta' l-akkużi l-oħra kollha dedotti kontra tagħhom u minn dawn l-akkużi illiberathom;

(7) Rat l-artikoli 95(e), 339(b), 20, 352(m)(n) u (bb) tal-Kapitolu 12 u bl-applikazzjoni tal-provvedimenti ta' l-artikolu 19 tal-Kodiċi Kriminali kkundannat lill Ludgardo Magri għal piena ta' priġunerija għal żmien sitt (6) xhur u lill-imputati l-oħra kollha u ċjoè, Victor Galea, Carmelo Borg u Raymond Magri, għall-piena ta' priġunerija għal żmien ħames (5) xhur u ordnat li minn dawn il-perijodi jitnaqqas iż-żmien kemm l-imputati damu taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn

il-proċeduri u dan kollu wara li dik il-Qorti kkonsidrat:

Illi l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-erba' imputati jirreferu għal żewġ inċidenti li ġraw fil-lejl ta' bejn il-25 u 26 ta' April, 1983, l-ewwel wieħed f'Paceville u t-tieni wieħed fl-Isptar San Luqa G'Mangia. Bħala konsegwenza ta' dawn l-inċidenti diversi persuni sofrew minn feritit, saret ħsara fil-*Casualty Department* ta' l-Isptar San Luqa u fil-karrozza ta' Amabile Vella;

Mill-provi prodotti jirriżulta illi fil-lejl imsemmi Anthony Muscat, martu Lora Muscat, Philip Zammit u Amabile Vella kienu qegħdin fil-karozza ta' dan ta' l-aħħar f'Paceville fl-inħawi ta' *B.J. Restaurant.* F'ħin minnhom inqalgħet ġlieda fejn kienu involuti dawn l-erbgħa persuni u xi nies oħrajn. Sussegwentement meta dan l-inċident spiċċa u l-istess erba' persuni marru l-Isptar sabiex dawk li ġarrbu xi feriti jiġu kkurati, huma ġew segwiti ġol-*Casualty Department* minn persuni oħrajn u hemmhekk reġa' nqala' xi glied u inċidenti oħrajn;

Għal dak li jirrigwarda l-inċidenti li ġraw f'Paceville l-erba' xhieda priċipali ftit jew xejn kienu ta' għajnuna. Fil-fatt Anthony Muscat, Lora Muscat u Amabile Vella qalu li ma għarfu lil ħadd fil-waqt li Philip Zammit għaraf biss lill-imputat Ludgardo Magri limitatament pero' għall-fatt li rah ikellem lill-istess Amabile Vella;

Fix-xhieda P.S. 26 Abraham Zammit u P.S. 800 Mario Calleja però għarfu lill-imputat Ludgardo Magri bħala wieħed mill-persuni li f'dak l-inċident kien qed jiġġieled ma' persuna oħra, u wara l-intervent ta' l-istess xhieda dawn ma baqgħux jiġġieldu u l-inċident spiċċa;

Għalhekk jirriżulta illi l-imputat Ludgardo Magri ħa parti fi ġlieda. Ma jirriżultax però illi l-imputat Ludgardo Magri kkaġuna ferita fuq xi persuna li kienet involuta f'dan l-inċident, għar-rigward ta' dan l-inċident ma jirriżulta xejn kontra t-tlett imputati l-oħra;

Għal dak li jirrigwarda l-inċidenti li nqalgħu fl-Isptar San Luqa għandu jiġi rrilevat f'dan l-istadju illi jirriżulta li wara dawn l-istess inċidenti membri tal-*Mobile Squad* tal-Pulizija, kif waslu ħdejn l-Isptar San Luqa raw barra mill-*gate* prinċipali tnejn min-nies libsin balaklava fuq rashom u wiċċhom. Dawn it-tnejn telgħu fuq mutur u ppruvwaw jaħarbu però insegwiment qasir il-membri tal-*Mobile Squad* irnexxilhom jaqbdu u jarrestaw dawn it-tnejn li rriżultaw li kienu l-imputati Carmelo Borg u Victor Galea li fil-fatt kienu libsu l-barnużi tas-suf esebiti bħala Dok. RC 1 u RC 2;

Ix-xhud Lora Muscat għarfet liż-żewġ persuni li ġew arrestati mill-Pulizija wara l-inċidenti u ċjoè lill-imputati Victor Galea u Carmelo Borg bħala l-istess persuni li fl-Isptar San Luqa kienu qiegħdin jiġru warajha u wara żewgħa Anthony Muscat. Dan jirriżulta ukoll mid-depożizzjoni ta' Anthony Muscat kif ukoll ta' Philip Zammit, rispettivament a fol. 48 u 85 tal-proċess;

Jirriżulta għalhekk b'mod sodisfaċenti illi ż-żewġ imputati Victor Galea u Carmelo Borg kienu fost dawk li daħlu fl-Isptar San Luqa u hemmhekk għamlu storbju u kisru l-mistrieħ tal-pazjenti u inoltre kkaġunaw ħsara fl-apparat u fl-għodda tal-Casualty Department u fl-istess Casualty Department liema ħsara tammonta għal Lm72.54,0. Illi kwantu għal dawn l-akkużi rigwardanti l-imsemmija ħsarat, dawn ma jirriżultawx sodisfacentement ippruvati kontra ż-żewġ imputati l-oħra

Ludgardo Magri u Raymond Magri;

Ikkunsidrat:

Mid-depożizzjoni ta' Emanuel .Micallef (a fol. 89 tal-proċess) u ta' Alfred Clleja (a fol. 90 tal-proċess) jirriżulta illi l-imsemmi Emanuel Micallef, li dak inhar ta' l-inċident kien iċ-Civilian Officer on duty fl-Isptar San Luqa, ġie attakkat u msawwat fil-gabbana tat-telefon li kienu fl-entratura ta' l-imsemmi Sptar, mill-imputati Ludgardo Magri u Raymond Magri. Mill-kliem li qali l-istess żewġ imputati waqt li kienu qed isawtu *lil Emanuele Micallef jirriżulta li huma għarfu lill-istess* Micallef, bħala uffiċċjal inkarigat mis-sorveljanza. Ma rriżultax però mill-provi prodotti li Emanuele Micallef f'dan l-inċident sofra xi feriti, u lanqas ma jirriżulta illi f'dan l-inċident kien hemm involuti aktar persuni ħlief l-imsemmija żewġ imputati Ludgardo Magri u Raymond Magri u għalhekk f'dan ir-rigwad għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-artikolu 95(a) tal-Kapitolu 12;

Ikkunsidrat:

Illi ebda ċirkostanza oħra imsemmija fl-akkużi ma tistà tiġi addebitata lil ebda wieħed mill-imputati. Dana peress illi kwantu dawn jirrigwardaw il-feriti sofferti minn Anthony Muscat mill-provi prodotti ma jistax jiġi stabbilit b'mod sodisfaċenti minn ikkaġunalu oriġinarjament il-ferita fuq moħħu u jekk din komplietx taggrava fl-inċidenti ta' l-Isptar stante li hu stess jgħid li f'dan l-inċident weġġa' biss f'saqajh. Għar-rigward ta' l-offiżi sofferti mit-Tabib Michael Farrugia, huwa stess fid-dipożizzjoni tiegħu jeskludi li seta' ġie attakkat u aggredit mill-imputati jew xi wieħed minnhom. P.C. 768 Silvio Brincat jgħid li huwa ma

jafx min tah id-daqqa u lanqas jista' jespjega sewwa ċ-ċirkostanzi li fihom qala' l-istess daqqa, filwaqt li għar-rigward ta' Philip Zammit ma jirriżultax li huwa sofra xi offizi jew feriti. Finalment Amabile Vella irrinunzja għall- azzjoni kriminali kemm għar-rigward tad-danni sofferti minnu fil-karrozza tiegħu, kif ukoll tal-feriti sofferti minnu;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Victor Galea u Carmelo Borg li bih talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kull fejn sabithom mhux ħatja tar-reati dedotti kontrihom u tirrevokaha fil-parti kondannatorja u tilliberahom minn kull ħtija u piena jew tagħti piena li aktar tagħmel għall-każ;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Raymond Magri u Ludgardo Magri li bih talbu li din l-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fil-parti liberatorja u tirrevokaha fil-parti kondannatorja u hekk tilleberahom minn kull ħtija u piena jew minflok dikjarazzjoni ta' ħtija fejn ma tirriżultax reat l-aktar gravi issib reati minuri u tagħti, piena li l-aktar tagħmel għall-każ;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Ser jiġi kkunsidrat l-ewwel l-appell ta' Victor Galea u Carmelo Borg;

L-ewwel aggravju ta' l-appellanti hu li r-reati minuri li

tagħhom l-Ewwel Qorti sabithom ħatja kienu kollha preskritti peress li kienu kontravvenzjonijiet u kienu għaddew diġa tliet xhur mid-data tal-kummissjoni tagħhom;

Ikkunsidrat:

Jirriżulta illi l-akkużi jirriferixxu kollha għall-inċidenti li ġraw *fil-lejl ta' bejn il-25 u is-26 ta'* April 1983;

Jirriżulta ukoll illi l-appellanti Galea u Borg ġew imressqa l-Qorti fit-28 ta' April, 1983 wara din il-ġurnata inżammu seduti kif ser jingħad u ċjoè:

(1) 12 ta' Mejju, 1983.
(2) 13 ta' Mejju, 1983.
(3) 28 ta' Lulju, 1983.
(4) 22 ta' Settembru, 1983.
(5) 18 ta' Novembru, 1983.
(6) 27 ta' Diċembru, 1983.
(7) 13 ta' Frar, 1984.
(8) 5 ta' April, 1984.
(9) 24 ta' Mejju, 1984.
(10) 5 ta' Lulju, 1984.
(11) 21 ta' Awissu, 1984.
(12) 11 ta' Settembru, 1984.
(13) 12 ta' Ottubru, 1984 meta ingħatat is-sentenza appellata;

F'dawn is-seduti kollha ma tirriżulta ebda assenza ta' l-imputati u lanqas ma jirriżulta li f'xi okkazjoni ġie lmentat li ma kinitx saret xi notifika. Fil-fatt lanqas f'dan l-istadju ma nġabu xi provi f'dan ir-rigward mill-appellanti;

L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għalhekk hija għal kollox temerarja u infondata u qed tiġi respinta;

Ikkunsidrat:

Illi it-tieni aggravju ta' l-appellant hu fir-rigward tar-reat ta' ħsara volontarja. L-appell f'dan ir-rigward hu bbażat fuq kwistjoni ta' provi u apprezzament tagħhom u kollox magħmul jiddependi minn allegazzjoni li l-appellanti msemmija kienu ristretti jiddefendu ruħhom u ma kellhom ebda intenzjoni li jikkawżaw ħsara materjali;

Illi bir-rispett kollu din il-Qorti ma taqbel xejn ma' din is-sottomissjoni u ma tħossx li hu l-każ li tvarja l-apprezzament tal-provi li l-Ewwel Qorti għamlet fir-rigward ta' dawn iż-żewġ appellanti;

L-appellanti ukoll ilmentaw fuq il-piena inflitta fuqhom però fuq dan aktar 'l quddiem;

Fit-trattazzjoni quddiem din il-qorti d-difensur ta' dawn iż-żewġ appellanti żied aggravju ieħor limitatament fir-rigward tal-kontravvenzjoni taħt l-art. 352(n) tal-Kap. 12 li tagħha nstabu ħatja fil-fatt din il-qorti ma ssibx li bit-tip ta' għata fil-wiċċ li kellhom dawn iż-żewġ appellanti ġew li libsu maskra jew biddlu s-sura tagħhom u għalhekk ser jiġu lliberati minn din l-akkuża;

Daqstant dwar, l-appell ta' l-imputati Galea u Borg salv dak li ser jingħad aktar il quddiem dwar il-piena;

Ikkunsidrat dwar l-appell ta' l-imputati Magri:

Illi l-kontenzjoni prinċipali ta' l-appellanti Magri tirrigwarda r-reat taħt l-artikolu 95(a) tal-Kap. 12 li tiegħu nstabu ħatja;

*Fir-rigward ta' dan l-aggravju l-kontenzjoni ta' l-appellanti* Magri tikkonsisti fli ġej:

(1) L-Ewwel Qorti tat interpretazzjoni żbaljata tal-liġi taħt l-artikolu 95(a) tal-Kodiċi Kriminali meta anke l-istess avukat tar-Repubblika kien ikkwota l-artikolu 94 tal-istess Kodiċi;

(2) Fl-ebda mument ma kien hemm l-elementi speċjali illi trid il-liġi illi kien hemm l-attakk u reżistenza fl-esekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija *mil-liġi*. Tant hu hekk li fl-ebda mument ma rriżulta illi Micallef intima xi ordni u għalhekk lanqas jista' jingħad li kien hemm l-attakk u r-reżistenza;

(3) Il-liġi ma tridx il-qadi tas-servizz biss, trid l-eżekuzzjoni tal-liġi jew ordni mogħtija skond il-liġi u f'dana ma jirriżulta xejn fil-każ in eżami;

(4) Li seta' rriżulta kien biss xi kliem ta' theddid u dan kollu jinkwadra ruħu kollox taħt l-artikolu 94 li kkwota l-istess Avukat Ġenerali;

Ikkunsidrat:

Illi fin-nota ta' rinviju finali ta' l-Avukat Ġenerali (fol, 156) fir-rigward ta' l-imputati Magri ġew indikati l-artikoli 94(1) u 95(b) tal-Kap. 12. Dan ifisser li l-Avukat Ġenerali indika fil-konfront ta' l-aħwa Magri l-ewwel r-reat ta' inġurji jew theddid kontra uffiċċjali pubbliċi jew offiżi fuq il-persuna

tagħhom u t-tieni r-reat ta' attakk jew reżistenza bi ksur ta' l-artikolu 95 b'dan li l-attakk jew reżistenza suppost saru minn tlieta minn nies jew aktar. *Stricto jure* għalhekk dak li qalu l-appellanti mhux korrett għax l-artikolu 95(b) ġie indikat mill-Avukat Ġenerali. Dak li ġara però jikkonforta t-teżi ta' l-appellant f'ċertu sens u din il-Qorti sejra tipprova tispjega bi ftit kliem;

(a) L-imputati kienu erbgħa u minnhom Victor Galea u Carmelo Borg ma nstabux ħatja taħt l-artikolu 95 għallhekk ġie li fil-konfront taż-żewġ imputat l-oħra, ċjoè l-appellanti Magri l-artikolu 95(b) ma setax ikun aktar applikabbli għax dan jimplika li l-attakk jew reżistenza jkun sar minn tlieta minn nies jew aktar, u issa dan *stante* l-liberazzjoni ta' tnejn minnhom u ma seta' jirriżulta qatt;

(b) Seta' sar applikabbli l-artikolu 95(a) u l-Ewwel Qorti kienet tkun korretta tapplikah bħala reat minuri involut;

(ċ) Jidher però li għalkemm l-Ewwel Qorti dikjaratament sabet lill-imputati Magri ħatja taħt l-artikolu 95(a) fil-fatt kienet qed issibhom ħatja ta' dan ir-reat imma kienet qed tiddikjarahom li kkommettew atti dolużi li ma jinkwadrawx ruħhom fl-artikolu 95 imma fl-artikolu 94. Biex tkun iktar kategorika tispjega illi:

1. bl-artikolu 95 ikun ħati ta' attakk u reżistenza "kull min jattakka jew jagħmel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, **fil-waqt li tkun taġixxi, għall esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skond il-liġi mill-awtorità kompetenti;**"

2. L-Ewwel Qorti sabet lill-imputati Magri ħatja talli attakkaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' Emanuel Micallef **persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' tali servizz**;

3. "Dal-kliem" persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi ta' tali servizz" jattalja perfettament ma' dak li jipprovdi l-artikolu 94 tal-Kap. 12 u mhux ma' dak li jirrikjedi l-artikolu 95 ġà msemmi. Infatti l-artikolu 94 jipprovidi li jkun ħati tar-reat taħt dak l-artikolu "kull min .... jinġurja, jew jhedded, jew jagħmel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li jkun qed jagħmel jew minħabba li jkun għamel dan is-servizz; jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. Illi r-reat kkontemplati mill-artikoli 94 u 95 tal-Kap. 12 huma żewġ reati ben distinti minn xulxin u li l-elementi ta' kul wieġed minnhom għandhom karatteristiċi uniċi. Din il-Qorti m'għandiex għalfejn tirrepetih għax diġà kellha opportunità f'diversi kawżi tispjega d-differenza bejn iż-żewġ delitti. Qed issir biss referenza għas-sentenzi tagħha u *in re "The Police vs. John Shayer et.*" deċiża fl-14 ta' Novembru, 1959, "*Police vs. Joseph Polidano*" deċiża fis-7 ta' Frar, 1966 u "Il-Polizija vs. Carmelo Zammit" deċiża fit-23 ta' Novembru, 1959 u ser jiġi riprodott dak li qalet fis-sentenza l-oħra "*The Police vs. A. B. Michael Locking*" deċiża fit-3 ta' Ottubru, 1966 u ċjoè: "*The difference to the two crimes envisaged under Sections 94 and 95 of the Criminal Code, does not lie in the nature of the act, nor in the seriousness of the consequences, much less in the personal qualities of the injured person, but only the character of the duties*

*the injured person is performing at the time of the offence. Indeed, Section 94, states "while in the act of discharging his duty or because of his having discharged such duty, or with intent to intimidate or unduly influence him in the discharge of such duty," whilst section 95 requires that the offence is committed when in the execution of the law or of a lawful order issued by a competent authority;"*

5. F'dal-każ, l-ewwel Qorti stess użat id-diċitura ta' l-artikolu 94 u mhux ta' l-art. 95 u għalhekk stante li m'hemmx appell mill-Avukat Ġenerali u stante li d-deskrizzjoni ta' l-actus reus tattalja ruħha ma' l-artikolu 94, l-imputati *se mai* setgħu jinstabu ħatja ta' dan ir-reat u mhux taħt l-artikolu 95;

Ikkunsidrat:

Illi fir-rigward ta' l-inċident in kwantu jirrigwarda Emanuel Micallef l-istess Qorti ta' *Prima 'Istanza* qalet hekk:

"Mid-depożizzjoni ta' Emanuel Micallef (a fol. 89 tal-proċess) u ta' *Alfred Calleja (a fol. 90 tal-proċess) jirriżulta illi* l-imsemmi Emanuel Micallef li dak inhar ta' l-inċident kien iċ-*civilan officer on duty* fl-Isptar San Luqa, ġie attakkat u msawwat fil-gabbana tat-telefon li hemm fl-entratura ta' l-imsemmi Sptar mill-imputati Ludgardo Magri u Raymond Magri. Mill-kliem li qalu l-istess żewġ imputati waqt li kienu qed isawtu lil Emanuel Micallef jirriżulta li huma għarfu lill-istess Micallef bħala uffiċċjal inkarigat mis-sorveljanza. Ma rriżultax però mill-provi prodotti li Emanuel Micallef f'dan l-inċident sofra xi feriti, u lanqas ma jirriżulta illi f'dan l-inċident kien hemm involuti aktar persuni ħlief l-imsemmija żewġ imputati Ludgardo Magri u Raymond Magri ....";

Il-piena skond l-istess artikolu 94 ivarjaw skond iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ u effettivament hi preskritta l-piena solita għar-reati ta' l-inġurja, tat-theddid jew ta' l-offiża fuq il-persuna miżjuda bi grad. Il-piena però ma tiżdiedx meta hija dik stabbilita għall-kontravvenzjonijiet;

Illi fil-każ in diżamina ċertament l-appellanti Magri m'għandhom xejn x'jiskużahom mill-ħtija li din il-Qorti qed issib fil-konfront tagħhom taħt l-art. 94 tal-Kap.12, anzi l-imġiba tagħhom xejn mhi ta' min jagħdirha. Però fl-artikolu 94 s-suġġett attiv ibati ta' li jagħmel u f'dal-każ għalkemm jidher li l-imputati Magri ħabtu għal Micallef u sawwtuh fil-fatt ma kkawżawlu ebda offiża fuq il-persuna tiegħu u dan ma jistax ma jiġix rifless fil-piena;

Ikkunsidrat:

Illi dwar piena din il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ u tenut kont li kollox jidher li ġara fil-furja tal-*mument* u ma kienx hemm konsegwenzi din il-Qorti *hi tal-fehma li hi aktar indikata* l-piena tal-multa f'kull każ. Qed jiġi kkonsidrat ukoll li ċ-ċirkostanzi attwali ta' ħajjet l-appellanti huma tali li s-sentenza ta' ħabs tkun forsi dannuża *oltre* l-misurazzjoni ta' proporzjon li japplika għal dan il-każ u l-prezz li jkunu ħallsu ta' l-iżball tagħhom ikun aktar gravuz milli jixraq;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell *interposti kif* ġej u ċjoè billi: (1) fir-rigward ta' l-appellanti Galea u Borg tirrevoka s-*sentenza appellata in* kwantu sabithom ħatja li f'lok pubbliku *libsu* maskra fi żmien bil-mod mhux permess mil-liġi u *minnha* tilliberahom u tirrevoka l-kundanna ta' priġunerija fil-konfront tagħhom u *tissustitwixxi* għaliha *il-pena* tal-multa ta'

mitt lira Maltija kull wieħed u f'das-sens biss tilqa' l-appell tagħhom iżda tiċħdu fil-kumplament tiegħu kollu tas-sentenza appellata in kwantu tikkonċerna lilhom; u

(2) fir-rigward ta' l-appelanti Magri tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabithom ħatja taħt l-artikolu 95(a) tal-Kap. 12 u minflok tiddikjarhom mhux ħatja ta' dak ir-reat iżda ħatja tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 94(1) tal-Kap. 12 u ċjoè talli inġurjaw u heddew lil Emanuel Micallef persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt il-qadi tat-tali servizz u tirrevoka l-kundanna ta' priġunerija inflitta fuqhom billi tissostitwixxi għaliha l-piena tal-multa ta' mitt lira l-appellant Raymond Magri u mija u għoxrin lira Maltija l-appellant Ludgardo Magri u f'das-sens biss tilqà l-appell tagħhom iżda tiċħdu fil-kumplament tiegħu billi tikkonferma l-kumplament kollu tas-sentenza appellata in kwantu tirrigwarda lilhom.